Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u d-Direttiva (UE) 2019/904, u li jħassar id-Direttiva 94/62/KE

(COM(2022) 677 final — 2022/0396 (COD))

(2023/C 228/16)

Relatur: **István KOMORÓCZKI**

Korelatur: **Panagiotis GKOFAS**

Konsultazzjoni	Parlament Ewropew, 13.3.2023
	Kunsill, 8.3.2023
Bażi legali	Artikoli 114 u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni għall-Agrikoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent
Adozzjoni fis-sezzjoni	13.4.2023
Adozzjoni fil-plenarja	27.4.2023
Sessjoni plenarja Nru	578
Riżultat tal-votazzjoni	
(favur/kontra/astensjonijiet)	153/0/1

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. L-iskart iġġenerat mill-imballaġġ qed ikompli jiżdied globalment u huwa ta' detriment kbir għal saħħitna, ħajjitna, l-ekonomiji u l-pjaneta tagħna, meta ma jiġix ġestit kif suppost. Għalhekk, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) jilqa' din l-inizjattiva u jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tindirizza kwistjonijiet relatati mal-imballaġġ, u mal-politiki dwar l-iskart mill-imballaġġ u l-imballaġġ b'mod koordinat, u tarmonizza r-regoli fl-UE.

1.2. Huma meħtieġa miżuri ta' politika bbażati fuq l-evidenza sabiex jiġi żgurat l-aħjar eżitu ambjentali. L-isfidi tat-tibdil fil-klima jipprovdu opportunità għall-Ewropa biex tibni bażi industrijali sostenibbli u orjentata lejn il-futur. Il-KESE jirrakkomanda li l-inizjattivi ta' politika kollha futuri għandhom ikunu bbażati fuq evidenza xjentifika u fuq fehim tajjeb tal-impatt reali tagħhom fuq l-ambjent. Huwa ta' għajnuna strateġika li jiġi appoġġjat l-użu tal-metodoloġija tal-Analiżi taċ-Ċiklu tal-Ħajja (LCA) bħala għodda għar-rieżami tal-impatt ambjentali tal-prodotti tul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom.

1.3. Il-KESE jappoġġja l-isforzi kontinwi biex jitnaqqas l-iskart mill-imballaġġ, peress li dan għandu impatt negattiv ħafna fuq l-ambjent. Fl-istess ħin, huwa diżappuntat li l-proposta ma tinkludix analiżi bir-reqqa tal-impatti mistennija fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem u l-operaturi ekonomiċi. L-imballaġġ għandu rwol ewlieni biex jiġu żgurati s-sikurezza, is-saħħa u l-kwalità tal-ikel. Minn din il-perspettiva, il-ħarsien tal-ambjent kif ukoll is-sikurezza tal-konsumaturi għandhom jiġu indirizzati bir-Regolament il-ġdid.

1.4. Il-KESE jenfasizza li l-użu mill-ġdid u l-mili mill-ġdid żgur li mhumiex l-aħjar għażla, mill-perspettiva ambjentali u tat-tibdil fil-klima. Minħabba distanzi twal ta' trasport meta mqabbla mal-ġbir u r-riċiklaġġ lokali, iż-żieda fil-loġistika se jkollha effett negattiv. It-tindif tal-fliexken li jistgħu jerġgħu jimtlew jew tal-pożati u r-reċipjenti għal fuq il-mejda li jistgħu jerġgħu jintużaw iżid il-konsum tal-enerġija, l-emissjonijiet u l-konsum tal-ilma. Il-KESE għal darb'oħra jinnota b'dispjaċir in-nuqqas ta' valutazzjoni tal-impatt adegwata f'dan ir-rigward.

1.5. L-impatt ekonomiku se jiddependi b'mod ċar fuq il-formulazzjoni eżatta tal-atti delegati previsti, li għandhom jiġu adottati biss fi żmien ħames snin wara l-adozzjoni tar-Regolament. Is-sempliċi fatt li l-parametri konkreti tar-regoli se jkunu magħrufa biss wara l-adozzjoni tar-Regolament propost joħloq inċertezzi enormi għan-negozji u riskju serju għaċ-ċiklu tal-investiment u l-innovazzjoni.

1.6. Il-Kumitat jappella lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, bħall-imsieħba tad-djalogu soċjali, l-operaturi ekonomiċi, il-ħaddiema, il-konsumaturi, l-organizzazzjonijiet tal-protezzjoni tal-konsumatur, l-organizzazzjonijiet ambjentali u l-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari biex ikunu involuti fl-implimentazzjoni tar-Regolament il-ġdid. It-traspożizzjoni tar-Regolament aġġornat fil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali ma għandhiex timponi piżijiet amministrattivi jew operattivi bla bżonn fuq l-SMEs. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi żgurat li l-iskadenzi għall-implimentazzjoni u d-dħul fis-seħħ ikunu adegwati. Il-KESE jirrimarka li r-Regolament jissostitwixxi r-rwol tar-riċiklaġġ stabbilit mill-Pakkett tal-Ekonomija Ċirkolari permezz tal-Artikolu 26, li se japplika direttament għall-operaturi ekonomiċi kollha, irrispettivament minn jekk ikunx ambjentalment effiċjenti jew le, flimkien ma' restrizzjoni infurzata tal-użu tal-imballaġġ, irrispettivament minn jekk dan iwassalx jew le għal periklu għas-saħħa jew għad-deterjorament tal-ambjent.

1.7. Fir-rigward tal-kriterji dwar l-imballaġġ "riċiklat fuq skala kbira", il-KESE jipproponi li l-perċentwal propost ta' skart mill-imballaġġ riċiklat fuq skala kbira (imballaġġ miġbur, separat u riċiklat fl-Istati Membri) jiżdied minn 75 % għal 90 % tal-popolazzjoni tal-UE, u, fl-istess ħin, ikopri mill-inqas żewġ terzi tal-Istati Membri tal-UE sal-2030, sabiex tinkiseb implimentazzjoni effettiva. Il-Kumitat jappoġġja wkoll l-implimentazzjoni tal-gradi tal-prestazzjoni tar-riċiklabbiltà u t-tneħħija gradwali tal-imballaġġ bl-agħar prestazzjoni ta' Grad E sal-2030.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda li l-miri obbligatorji ta' kontenut riċiklat jiġu kkunsidrati u applikati biss fir-rigward ta' materjali speċifiċi tal-imballaġġ, fejn dan jista' jwassal għal użu akbar ta' materjali riċiklati (eż. il-plastik). Fil-każ tal-imballaġġ tal-azzar, il-miri obbligatorji ta' kontenut riċiklat jkunu ta' detriment u jistgħu jwasslu għal tfixkil fis-suq tar-ruttam tal-azzar. Barra minn hekk, il-kriterji għar-riċiklabbiltà tal-imballaġġ għandhom jinkludu r-rekwiżiti tad-disinn għar-riċiklaġġ, il-ġbir separat, is-separazzjoni effettiva, u l-kapaċità tal-materjal li jiġi riċiklat diversi drabi. Barra minn hekk, kwalunkwe mira proposta għat-tnaqqis tal-iskart stabbilita fir-Regolament għandha tiġi stabbilita għal kull materjal (miri speċifiċi għall-materjal), u billi jitqiesu l-ispeċifiċitajiet u r-rati ta' riċiklaġġ tagħhom.

1.9. Il-KESE għandu dubji wkoll dwar l-effettività ta' mira fissa ta' 15 %, peress li din għandha impatt diskriminatorju fuq il-konsumaturi minn pajjiżi li għandhom produzzjoni relattivament baxxa per capita tal-iskart mill-imballaġġ. Iċ-ċifri tal-istatistika juru li l-produzzjoni tal-iskart mill-imballaġġ f'pajjiżi b'konsum ogħla hija sa tliet darbiet ogħla milli f'pajjiżi b'konsum baxx, madankollu, il-pajjiżi kollha mingħajr eċċezzjoni huma mistennija li jnaqqsu l-ammont ta' imballaġġ għal kull konsumatur bi 15 %. Minflok, il-mira għandha tiġi kkalkulata abbażi tal-għadd ta' abitanti, l-attività ekonomika, il-produzzjoni industrijali u l-introjtu tal-abitanti.

1.10. Il-KESE jappella għall-applikazzjoni u l-infurzar ta' skemi ta' protezzjoni u ta' appoġġ (edukazzjoni pubblika, taħriġ, negozjar kollettiv, skemi ta' kumpens u trasferimenti lejn industriji oħra) għall-ħaddiema impjegati fl-industriji fi tranżizzjoni u li dalwaqt se jiġu affettwati mill-implimentazzjoni tar-Regolament rivedut biex jiġu trasferiti lejn industriji oħra.

1.11. Il-KESE jħeġġeġ lill-Istati Membri jniedu strateġiji biex jiżviluppaw l-industriji u l-ħwienet tat-tiswija tagħhom, billi jipprovdu inċentivi għall-investiment f'magni tat-tiswija, inaqqsu l-prezz tal-ispare parts, u joħolqu sinerġiji bejn is-setturi.

1.12. L-imballaġġ huwa industrija li qed tiżviluppa malajr u tinvolvi ħafna postijiet tax-xogħol. Għalhekk huwa imperattiv li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt u li r-regolamenti l-ġodda jiġu mmonitorjati b'mod diliġenti fuq bażi regolari fl-Istati Membri, kemm fil-livell tal-gvern ċentrali kif ukoll f'dak lokali, peress li huma kruċjali għall-valutazzjoni tal-impatti fuq il-vijabbiltà ekonomika, il-postijiet tax-xogħol u s-sostenibbiltà ambjentali.

1.13. Il-Kummissjoni Ewropea hija mistiedna tadotta qafas divrenzjat u personalizzat biex tevalwa, timmonitorja u tqabbel l-istrateġiji dwar l-imballaġġ għal diversi prodotti. Sabiex jitnaqqas l-ammont ta' skart mill-imballaġġ, il-ħtieġa attwali għall-imballaġġ għandha tiġi vvalutata b'mod regolari u għandhom jiġu riveduti s-soluzzjonijiet ottimizzati. Fir-rigward tal-iskemi nazzjonali ta' rifużjoni tad-depożitu li jiffunzjonaw tajjeb, se jkun importanti li jinstabu modi kif il-barcodes il-ġodda tal-UE u dawk nazzjonali eżistenti jistgħu jinżammu u jkomplu joperaw b'mod parallel.

1.14. Il-konsumaturi għandhom ikunu involuti u inċentivati biex jużaw mill-ġdid, jirritornaw jew jirriċiklaw il-materjal tal-imballaġġ bl-aħjar mod, permezz ta' mekkaniżmi ta' kumpens pożittivi u negattivi. Il-konsumaturi se jkollhom rwol importanti fis-sistema ta' rifużjoni tad-depożitu, l-użu mill-ġdid u l-mili mill-ġdid, u l-KESE jappella għal kampanji ta' sensibilizzazzjoni u edukattivi li jippermettu lill-konsumaturi jipperċepixxu u jifhmu aħjar ir-rwol tagħhom.

1.15. Il-KESE jistieden lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jaħdmu mill-qrib mal-awtoritajiet lokali u reġjonali u mal-operaturi ekonomiċi sabiex jinstabu l-aħjar modi biex is-sistema tat-tikkettar titqiegħed fil-prattika.

1.16. Il-kwalità u l-kwantità tal-iskart jiddeterminaw il-potenzjal tiegħu li jiġi riċiklat. Il-KESE jistieden lill-Istati Membri jevalwaw l-implikazzjonijiet ambjentali u ekonomiċi tal-attivitajiet meħtieġa għall-ġestjoni tal-iskart matul il-fażi tal-ippjanar.

1.17. F'termini ta' prinċipji leġiżlattivi, ir-Regolament iħallat norma li taffettwa direttament lill-operaturi ekonomiċi individwali ma' Direttiva li tindirizza l-objettivi qafas għall-Istati Membri. Għalhekk dan għandu jinqasam f'żewġ atti leġiżlattivi. L-ewwel att għandu jkun direttiva li tistabbilixxi l-miri għall-Istati Membri f'termini ta' ġestjoni tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ. It-tieni att għandu jkun regolament li jistabbilixxi r-rekwiżiti bażiċi għall-imballaġġ u r-rekwiżiti għar-riċiklabbiltà u t-tikkettar tagħhom.

1.18. Fir-rigward tat-tnaqqis tal-iskart, il-KESE jirrakkomanda li r-reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ tkun akkumpanjata minn reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'landfills (id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE ([1])), sabiex jitnaqqas l-ammont ta' skart mormi fil-landfills.

2. **Sfond u pedamenti**

Il-ħtieġa li jiġu kkunsidrati kontinwament l-impatti tal-imballaġġ fuq l-ambjent

2.1. Globalment, il-biċċa l-kbira tal-imballaġġ jintuża darba biss u jintrema jew jiġi rriċiklat minflok jintuża mill-ġdid. L-awtoritajiet ambjentali f'pajjiżi industrijalizzati kbar jistmaw li kważi nofs l-iskart solidu muniċipali kollu jinkludi ikel u materjali użati fl-imballaġġ tal-ikel ([2]).

2.2. Minħabba l-ħela ta' riżorsi siewja u t-tniġġis ikkawżat minn din is-sistema ta' konsum u rimi, is-saħħa tagħna, l-ambjent, is-sostenibbiltà, u l-klima globali huma kollha f'riskju serju.

2.3. Għalhekk huwa essenzjali li l-Kummissjoni Ewropea timmonitorja regolarment l-iskart mill-imballaġġ, kif ukoll il-ġbir, il-ġestjoni u l-użu mill-ġdid tiegħu, mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.

2.4. L-industriji fi tranżizzjoni, kif ukoll l-impjegati u s-sidien żgħar f'xi setturi taħt skrutinju, huma mistennija li jiffaċċjaw diffikultajiet serji u telf ta' introjtu jew impjiegi minħabba tnaqqis fil-fatturat totali kkawżat mill-effett ta' sostituzzjoni. Skemi ta' protezzjoni soċjali u inizjattivi ta' taħriġ mill-ġdid jistgħu jnaqqsu dan l-impatt.

2.5. Bl-istess mod, xi reġjuni li jiddependu fuq ċerti teknoloġiji tal-imballaġġ u l-produzzjoni industrijali jistgħu jesperjenzaw, fuq perjodu ta' żmien qasir, telf ta' impjiegi u migrazzjoni kemm minn ħaddiema speċjalizzati ħafna kif ukoll minn ħaddiema inqas speċjalizzati. Politiki personalizzati fil-livell lokali huma essenzjali biex jiġi evitat l-eżodu ta' mħuħ u d-dežertifikazzjoni taż-żoni rurali u industrijali.

2.6. Huwa kruċjali li jiġi mmonitorjat l-impatt tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni permezz ta' mekkaniżmu ta' valutazzjoni permanenti sabiex jiġu riveduti r-rekords ta' kull pajjiż, jiġu skambjati l-aħjar prattiki u jiġu proposti reviżjonijiet parametriċi. Irid jitqies it-titjib potenzjali fil-kapaċità teknoloġika tal-industriji għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' materjali speċifiċi (eż. plastik bijodegradabbli), b'enfasi speċjali fuq is-saħħa pubblika u l-impatti fit-tul fuq l-ambjent.

Għodod appoġġjati mill-Kummissjoni Ewropea għall-ġestjoni ta' kwistjonijiet relatati mal-imballaġġ u l-materjal ta' imballaġġ

2.7. L-abbozz ta' regolament tal-Kummissjoni jispeċifika r-rwoli ewlenin li d-diġitalizzazzjoni u s-sostenibbiltà għandhom fit-tnaqqis tal-imballaġġ u tal-iskart mill-imballaġġ. Huwa essenzjali li dawn jiġu allinjati, peress li huma kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku u biex jissaħħu r-reżiljenza, il-prosperità fil-futur u s-sostenibbiltà tal-Ewropa.

([1]) Id-Direttiva tal-Kunsill 1999/31/KE tas-26 ta' April 1999 dwar dwar ir-rimi ta' skart f'landfills (ĠU L 182, 16.7.1999, p. 1).
([2]) https://foodprint.org/issues/the-environmental-impact-of-food-packaging/.

Riżorsi naturali u tal-enerġija għall-imballaġġ – tħassib u soluzzjonijiet

2.8. L-imballaġġ modern tal-ikel – użu maġġuri tal-materjali tal-imballaġġ – joffri mezz biex l-ikel ikun affidabbli, iġeniku, jista' iżomm għal tul ta' żmien, u sikur. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-imballaġġ tal-ikel għadu jintuża darba biss u ma jistax jiġi riċiklat kompletament, sakemm ma jkunx separat minn frazzjonijiet ta' materjal ieħor u jinġabar kif suppost, minħabba li jew ikun maħmuġ bl-ikel, żgħir wisq jew fih diversi saffi.

2.9. Each packaging type requires numerous resources, including energy, water, chemicals, petroleum, minerals, wood and textiles. Barra minn hekk, il-produzzjoni tiegħu spiss tirriżulta f'ilma mormi u ħama b'sustanzi kimiċi ta' ħsara, u emissjonijiet fl-arja ta' gassijiet serra, metalli tqal u partikoli.

2.10. Għall-imballaġġ tal-ikel modern jintużaw diversi materjali sintetiċi u magħmula mill-bniedem, inklużi ċ-ċeramika, il-ħġieġ, il-metall, il-karta, il-kartun (paperboard u cardboard), ix-xama', l-injam, u dejjem aktar frekwenti, il-plastik. Il-biċċa l-kbira ta' dan l-imballaġġ huwa magħmul minn ħġieġ, plastik iebes, karta, u kartun. Even though some more recent plastics are created from corn and other plant materials, the majority are still made from petroleum and contain additives such as polymers.

2.11. Huwa kruċjali li għall-imballaġġ kompostabbli, il-Kummissjoni Ewropea fil-proposta tistabbilixxi kontenut minimu u obbligatorju b'bażi bijoloġika ta' mill-inqas 60 %. Il-paperboards spiss ikunu miksija bil-plastik li ma jkunx viżibbli, u ħafna forom differenti ta' imballaġġ ikollhom tikketti li jkunu ġew stampati permezz tal-linka tal-istampaturi.

2.12. Iż-żieda fl-użu ta' tipi differenti ta' imballaġġ, flimkien ma' rati baxxi ta' użu mill-ġdid u riċiklaġġ, jistgħu jfixklu l-ħolqien ta' ekonomija ċirkolari b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-UE.

2.13. Il-KESE jemmen li l-imballaġġ kompostabbli li huwa sikur għall-kuntatt mal-ikel huwa l-aktar soluzzjoni adatta, u għandu rwol ewlieni biex jiġi żgurat li aktar skart ikun bijodegradabbli. Dan inaqqas ukoll l-ammont ta' plastik mhux bijodegradabbli, li kieku jikkontamina l-kompost.

3. **Imballaġġ tal-plastik**

3.1. In-NU tqis it-tniġġis mill-plastik fl-oċeani bħala "kalamità planetarja", prinċipalment minħabba l-ammont ta' imballaġġ tal-ikel magħmul mill-plastik li sab ruħu fix-xmajjar ([3]). Dan iqajjem tħassib għall-ispeċijiet akkwatiċi kollha.

3.2. L-Istati Membri se jkollhom jikkunsidraw approċċ ġdid għall-plastik ibbażat fuq l-ekonomija ċirkolari. Huma jistgħu jippromovu l-iżvilupp ta' għażliet ta' imballaġġ ċirkolari billi jagħżlu materjali oħra jew materjali polimeri speċifiċi biex jiżguraw livell ħafna aħjar ta' riċiklabbiltà. Meta r-riċiklabbiltà tal-plastik ma tkunx possibbli, din għandha tintuża bħala ġenerazzjoni għall-bijofjuwil.

4. **Materjali permanenti, data dwar ir-riċiklaġġ u kwistjonijiet relatati mal-miri ta' mili mill-ġdid tal-fliexken tax-xorb alkoħoliku**

4.1. Materjali differenti tal-imballaġġ tal-ikel għandhom karatteristiċi u proprjetajiet differenti, li jaffettwaw il-potenzjal tar-riċiklabbiltà tagħhom. Materjali bħall-aluminju, il-ħġieġ u l-azzar jitqiesu bħala materjali permanenti, li jfisser li juru degradazzjoni minima matul il-ħajja operattiva u jistgħu jiġu riċiklati b'mod indefinit mingħajr ma jitilfu l-kwalità jew il-proprjetajiet inerenti tal-materjal.

4.2. L-interess fil-materjali permanenti kiber b'mod sinifikanti, u b'mod parallel mal-ħsieb tal-ekonomija ċirkolari. Materjali bħal dawn jeħtieġ li jiġu rikonoxxuti sew fil-leġiżlazzjoni futura, b'politiki futuri li jappoġġjaw b'mod effiċjenti r-riċiklaġġ tagħhom.

4.3. L-imballaġġ ibbażat fuq il-fibra u materjal naturali ieħor jista' jappoġġja tkabbir li jkun diżakkoppjat mill-użu tar-riżorsi. Dan isir minn materjali rinnovabbli, filwaqt li jservi għal żmien twil, ikun attraenti, riċiklabbli u bijodegradabbli. Studji reċenti indikaw li l-imballaġġ tal-fibra jista' jiġi rriċiklat aktar minn 25 darba, u dan juri li huwa komponent essenzjali tal-ekonomija ċirkolari.

([3]) https://www.newscientist.com/article/mg25333710-100-pollution-is-the-forgotten-global-crisis-and-we-need-to-tackle-it-now/.

4.4. Ir-rata ta' riċiklaġġ tal-imballaġġ tal-ħġieġ fl-UE fl-2020 laħqet medja ta' 76 % ([4]), u hemm lok għal titjib fl-iskemi ta' ġbir u s-separazzjoni f'xi Stati Membri. Fl-2017 ir-rati kienu 95 % fl-Iżvezja, 88,4 % fil-Ġermanja, 78 % fl-Italja u 61 % fi Franza ([5]).

4.5. Il-proposta tistabbilixxi miri obbligatorji għall-użu mill-ġdid u l-mili mill-ġdid tal-fliexken tax-xorb alkoħoliku. Madankollu, l-operaturi ekonomiċi ewlenin huma tal-fehma soda li dawn il-miri jistgħu joħolqu sfidi sinifikanti, kemm f'termini ta' provvista kif ukoll ta' riskji għas-saħħa pubblika, peress li l-fliexken normalment jintużaw mill-konsumaturi għal skopijiet prattiċi oħra. Dan l-użu mill-ġdid obbligatorju jista' jikkawża problemi, parzjalment minħabba infezzjoni mill-iżvilupp ta' patoġeni u batterji, fost affarijiet oħra.

5. **Water and land pollution from food packaging**

5.1. Meta l-imballaġġ jintrema fil-landfills, speċjalment l-imballaġġ tal-plastik, flimkien ma' kontaminazzjoni qawwija u inaċettabbli fl-art u fl-ambjent, is-sustanzi kimiċi mill-materjali, bħal-linka u l-kuluri mit-tikkettar se jnixxu wkoll fl-ilma ta' taħt l-art u fil-ħamrija.

5.2. B'mod partikolari, l-iskart tal-plastik spiss jivvjaġġa lejn ir-reġjuni l-aktar remoti tal-pjaneta, u b'hekk jipperikola l-ħajja tal-bniedem, tal-għasafar u tal-baħar. It-tniġġis tal-plastik fl-oċeani tant huwa gravi li l-kap għall-affarijiet marittimi tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent sejħiltilha kriżi planetarja.

5.3. Il-kontaminazzjoni tal-oċeani hija biss waħda mill-effetti negattivi tal-plastik fuq l-ekosistema. Skont studju wieħed, terz tal-plastik kollu jintrema u jispiċċa fil-passaġġi fuq l-ilma jew fil-ħamrija. Oħrajn jindikaw li l-ammont ta' tniġġis tal-mikroplastik fil-ħamrija madwar id-dinja huwa bejn 4 darbiet u 23 darba aġħar mill-ammont ta' tniġġis tal-mikroplastik fl-oċeani tagħna.

5.4. Il-mikroplastik fil-ħamrija se jaffettwa b'mod negattiv l-imġiba tal-annimali tal-ħamrija (bħall-ħniex), u għalhekk, iferrxu l-mard u jipproduċu impatti dannużi oħra. Instab ukoll mikroplastik fit-trabi tat-twelid. Barra minn hekk, il-plastik matul il-proċess ta' degradazzjoni jassorbi sustanzi perikolużi bħal pestiċidi, bħad-DDT, ladarba jkun fl-art u fil-passaġġi fuq l-ilma.

6. **It-tniġġis tal-arja u tal-oċeani mill-imballaġġ tal-ikel**

6.1. L-iskart mill-imballaġġ tal-ikel li ma jistax jiġi kkompostjat jew riċiklat spiss jispiċċa f'miżbliet, u jirrilaxxa emissjonijiet fl-arja, inklużi gassijiet serra. Il-miżbliet jirrilaxxaw il-metan, l-ammonijaka u s-sulfur tal-idroġenu. B'kuntrast ma' dan, l-inċineraturi jirrilaxxaw il-merkurju, iċ-ċomb, il-klorur tal-idroġenu, id-diossidi tal-kubrit, l-ossidi nitrużi, il-materja partikolata u d-diossini, li huma l-aktar komposti perikolużi.

6.2. Il-biċċa l-kbira tat-tazzi u l-għotjien tal-kafè, il-pods tal-kafè, il-kontenituri tal-iStyrofoam, il-fliexken u t-tappijiet tal-plastik, il-plastic wraps, il-holder li żżomm flimkien sitt fliexken, u l-boroż tal-plastik tal-merċa huma ddisinjati għal użu uniku. Madankollu, jekk ma jiġux riċiklati, isoddu l-passaġġi fuq l-ilma tagħna, fejn l-annimali jaħsbuhom ikel jew jitħabblu fihom.

6.3. All the plastic floating around the oceans is incredibly harmful to animals. Ocean Conservancy ([6]) tiddikjara li: "Instab il-plastik f'59 % tal-għasafar tal-baħar bħall-albatross u l-pelikan, f'100 % tal-ispeċijiet tal-fkieren tal-baħar, u f'aktar minn 25 % tal-ħut li ttieħdu bħala kampjun mis-swieq tal-frott tal-baħar".

6.4. Hemm kwantità astronomika ta' plastik magħmula minn triljuni ta' biċċiet żgħar tal-plastik li qed iddur madwar l-oċeani u tinġarr mill-kurrenti, madankollu, hija biss 5 % ta' din il-massa tal-plastik li hija viżibbli fil-wiċċ; il-bqija tinsab taħt il-wiċċ tal-ilma jew niżlet f'qiegħ l-oċean.

6.5. Il-KESE jemmen li huwa kruċjali li jitħeġġeġ ir-riċiklaġġ organiku tal-iskart tal-ikel u tal-iskart mill-imballaġġ tal-ikel kompostabbli, anke minħabba li l-ġbir separat għar-riċiklaġġ organiku tal-iskart tal-ikel se jkun obbligatorju mill-31 ta' Diċembru 2023. Ir-residwi tal-bhejjem bħad-demel u d-demel likwidu jagħtu l-possibbiltà li jiġu ġġenerati l-fertilizzanti organiċi, il-bijogass jew il-bijometan.

([4]) https://www.statista.com/statistics/1258851/glass-recycling-rate-in-europe/.
([5]) https://feve.org/glass_recycling_stats_2018/.
([6]) https://oceanconservancy.org/about/.

7. **Kummenti ġenerali**

7.1. Il-KESE jappoġġja l-ambizzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tirrevedi r-rekwiżiti għall-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, sabiex tillimita l-ammont, id-daqs u l-piż tal-imballaġġ fis-Suq Uniku tal-UE, tipprevjeni l-produzzjoni ta' skart mill-imballaġġ bla bżonn, tappoġġja riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u żżid ir-riċiklabbiltà u l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ.

7.2. Kwalunkwe reviżjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ għandha tkun allinjata bis-sħiħ mal-objettivi ġenerali tal-Patt Ekoloġiku tal-UE (in-newtralità klimatika, l-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-protezzjoni ambjentali), u għandha tkun konsistenti mal-leġiżlazzjoni relatata, bħall-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija ċirkolari, id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, id-Direttiva dwar il-Plastik li jintuża darba biss, id-Direttiva dwar l-Ekodisinn, u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel.

7.3. Il-KESE jenfasizza l-ħtieġa ta' kriterji stretti dwar ir-riċiklabbiltà tal-imballaġġ. L-imballaġġ għandu jitqies bħala riċiklabbli meta l-imballaġġ ikun jista' jiġi riċiklat diversi drabi f'ċirkwit ta' materjal permanenti, u mhux sempliċiment meta jiġu ssodisfati l-kriterji tad-disinn u l-materjali jinġabru separatament u jintgħażlu mingħajr kontaminazzjoni.

7.4. Il-KESE jemmen li l-kriterji perċentwali għall-imballaġġ li għandu jiġi riċiklat fuq skala kbira għandhom jiġu kkomplementati minn rekwiżit kwantitattiv li jkopri għadd suffiċjenti ta' Stati Membri tal-UE.

7.5. Il-Kumitat jappoġġja l-implimentazzjoni tal-gradi tal-prestazzjoni tar-riċiklabbiltà, abbażi tal-kriterji tad-"disinn għar-riċiklaġġ" għall-kategoriji tal-imballaġġ. Il-KESE jilqa' l-armonizzazzjoni għall-materjali kollha, u jittama li t-tneħħija gradwali tal-imballaġġ tingħata Grad ta' Prestazzjoni E sal-2030.

7.6. Fl-2020, ir-rata medja ta' riċiklaġġ fl-UE kollha laħqet 85,5 % għall-imballaġġ tal-azzar, 74 % għall-imballaġġ tal-ħġieġ, u 82 % għall-imballaġġ tal-karti. Iċ-ċirkwiti ta' materjali ċirkolari għal dawn il-materjali huma relattivament effettivi. Madankollu, l-adozzjoni ta' mira ta' kontenut riċiklat għall-imballaġġ tal-azzar, pereżempju, tista' tiddestabbilizza u tifframmenta s-suq tal-materja prima sekondarja/tar-ruttam, u jkollha impatt ambjentali negattiv. Il-miri obbligatorji tal-kontenut riċiklat għandhom ikunu applikabbli biss għal gruppi u materjali speċifiċi tal-imballaġġ, meta l-adozzjoni tagħhom tista' twassal għal titjib fis-suq u użu akbar ta' materjali riċiklati (eż. plastik).

7.7. Il-KESE jenfasizza l-fatt li l-ishma tas-suq ta' materjali differenti tal-imballaġġ fil-volum globali tal-iskart mill-imballaġġ tal-Istati Membri għandhom jitqiesu meta jiġi vvalutat il-potenzjal għat-tnaqqis tal-iskart. Għandhom jiġu stabbiliti miri ta' tnaqqis għal kull materjal tal-imballaġġ (plastik, karta, metalli ferrużi, aluminju, eċċ.), u titqies l-evoluzzjoni tar-rati ta' riċiklaġġ maż-żmien, biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni u biex tiġi evitata s-sostituzzjoni bla bżonn ta' ċerti materjali tal-imballaġġ b'alternattivi b'riċiklabbiltà baxxa.

7.8. L-Istati Membri tal-UE għandhom jiġu inċentivati b'mod effettiv biex jappoġġjaw investimenti ġodda fl-infrastruttura u t-teknoloġiji tar-riċiklaġġ, kif ukoll fir-riċerka u l-iżvilupp.

7.9. Il-KESE jemmen li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ għandha tkun akkumpanjata wkoll minn reviżjoni tad-Direttiva dwar ir-rimi ta' skart f'landfills, sabiex jitnaqqas ir-rimi tal-iskart mill-imballaġġ fil-landfills. It-tnaqqis tal-ammont ta' skart li jispiċċa fil-landfills ikun konformi mal-impenn tal-UE li tirriċikla u li tnaqqas l-iskart.

7.10. Ir-Regolament rivedut irid jirrispetta u japplika l-prinċipju tan-newtralità materjali, jiġifieri jippermetti għażla ta' materjal tal-imballaġġ abbażi tal-adegwatezza tiegħu għal użu partikolari, il-karatteristiċi tekniċi u strutturali tiegħu u l-profil ambjentali ġenerali tiegħu.

8. **Kummenti speċjali**

8.1. Minbarra l-leġiżlazzjoni proposta, inkluż dwar it-tikkettar, il-komunikazzjoni, il-ġbir, is-separazzjoni u l-użu mill-ġdid, il-KESE jemmen li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet fil-produzzjoni tal-materjal tal-imballaġġ, forsi kkomplementati bi strumenti fiskali sabiex jintlaħqu l-miri stabbiliti mill-Patt Ekoloġiku.

8.2. Il-KESE jipproponi li l-UE u l-Istati Membri jappoġġjaw, bil-mezzi kollha disponibbli, ir-riċiklabbiltà u l-użu mill-ġdid tal-imballaġġ, jew billi jipprovdu inċentivi għall-użu ta' alternattivi ta' materjali riċiklabbli jew rinnovabbli jew billi jiddiżinċentivaw materjali tal-imballaġġ b'karatteristiċi ta' livelli baxxi ta' riċiklabbiltà.

8.3. L-operaturi ekonomiċi involuti f'dan is-settur importanti, li għandhom responsabbiltajiet kbar għall-ħaddiema u l-impjiegi tagħhom, għandhom jiġu appoġġjati finanzjarjament mill-Istati Membri fil-proċess ta' tranżizzjoni.

8.4. Għandhom jiġu stabbiliti politiki nazzjonali u internazzjonali ċari biex jiġu identifikati l-produtturi tal-iskart li l-iskart tagħhom jiġi ttrasportat lejn Stati Membri oħra.

8.5. L-Istati Membri għandhom iħeġġu lill-partijiet ikkonċernati jiżviluppaw ideat ġodda għall-imballaġġ u t-tikkettar tajjeb biex jintlaħqu l-miri tal-Patt Ekoloġiku u biex tiġi evitata kwalunkwe frodi relatata mal-prodotti Ewropej oriġinali.

8.6. Ir-rwol tal-muniċipalitajiet fil-ġbir tal-iskart u l-ġestjoni tal-iskart għandu jiġi definit b'mod ċar biex jiġi evitat li jkun hemm diversi proċeduri u infrastrutturi differenti għall-immaniġġjar tal-iskart.

Brussell, is-27 ta' April 2023.

Oliver RÖPKE
Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew